Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 200 :: JANNAR 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*

*Sena Ġdida mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

Bħalma qed taraw, dan ix-xahar wasalna għall-**200 edizzjoni** ta' dan il-Folju ghalkemm mhux dejjem fuq dan il-format preżenti. Nixtieq nirringrazzja lil dawk li tawni l-għajnuna tagħhom fil-passat u fil-preżent.

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **25 ta' Jannar, 2013** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja.

## SUĊĊESSI TA' MANWEL CASSAR



Dan l-aħħar il-membru tagħna, Manwel Cassar, kellu żewġ suċċessi oħra fl-oqsma li jħobb: il-poeżija u l-pittura. Fil-konkors għall-aħjar ħajku mniedi mis-South Yarra Libraries (li jkopru għadd ta' subborgi), rebaħ l-ewwel premju. Fil-wirja tal-Contemporary Art Society, Manwel ġie t-tieni bi kwadru taż-żejt fuq it-tila, 100 x 120 cm (mhux żgħir!) li juri l-Imnajdra wara żjara li għamel lil Malta. Manwel nefaq ir-rebħ fuq kotba u fuq materjal tal-arti u issa għandu biżżejjed għal żmien twil.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU MILL-QARREJJA . . .*

Paul,
Grazzi bħal dejjem għal din il-ħarġa tal-Folju. Nifirħilkom u nammirakom għall-imħabba li għandkom għall-Ilsien Malti. L-Isbaħ Xewqat għal Milied Hieni u Sena Ġdida Mimlija Risq, Saħħa u Barka lilek u lill-għeżież kollha tagħkom. Tislijiet
***Ray u l-Familja.***

Għażiż Paul,
Kemm kellu artikli tajbin il-Folju tax-xahar tal-Milied. Nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura suċċess lill-kumitat kollu, għall-ħidma li tagħmlu b'risq il-Malti. Ħadt pjaċir naqra dwar il-ktieb li ħareġ mill-għalliema Fiona, in-neputija tiegħek, Dak il-ktieb rajtu fil-Fiera tal-Kotba li saret f'Novembru u ngħid li huwa fost dawk il-pubblikazzjonijiet ġodda li għandu jintlaqa' tajjeb, għaliex tassew huwa għodda bżonnjuża, speċjalment għall-istudenti li qed iħejju għall-eżami tas-SEC fil-Malti.
Ridt ngħidlek ħaġa oħra, din id-darba dwar dak l-artiklu fl-antoloġija li hemm dwarha, dik ta' Schembri u Grima. Hemm sentenza li tgħid li dan huwa l-ewwel xogħol ta' Justin. Jien naħseb li dan huwa l-istess persuna li kien ħa sehem fl-antoloġija 'Fjammi' li fiha kien hemm xogħlijiet ta' George Schembri (illum qassis), Cristian Muscat, ta' Schembri u tiegħi. Konna għadna s-Sixth Form, imma hija antoloġija ħelwa, li għamilniha bl-għajnuna tal-BOV u tal-appoġġ qawwi tal-għalliema li tant emmnu fina. Jgħaddi ż-żmien u kif jiġri bosta drabi, kulħadd jiġbed f'toroq diversi u b'xorti ħażina jintilef il-kuntatt. Ikolli ngħid li dan huwa l-istess persuna, sakemm ma jeżistix ieħor, għax kollox jista' jkun, imma fil-kamp tal-Malti, ma tantx għandna persuni ddublikati!
Paul, niżżik ħajr li dejjem iżżommna aġġornati. Avolja ninsabu bogħod ġeografikament, fil-Malti s-saħħa tagħna u hu jżommna viċin fl-ispirtu.
Nawgura lilek u lil ta' madwarek il-festi t-tajba, saħħa, paċi u risq.
Dejjem tiegħek,
***Amanda Busuttil***

# IR-REPUBBLIKA TALJANA TONORA LIL OLIVER FRIGGIERI



Prof. Oliver Friggieri jirċievi l-midalja minn Luigi Marras

Il-Professur Oliver Friggieri ingħata l-Onorificenza Al Merito della Repubblica Italiana għar-riċerka twila tiegħu dwar ir-relazzjonijiet kulturali bejn Malta u l-Italja. L-Onorificenza ingħatat mill-Ambaxxatur tal-Italja f'Malta, Luigi Marras, f'isem il-President tar-Repubblika Taljana, Giorgio Napolitano waqt ċerimonja li saret fl-Istitut Kulturali Taljan fil-Belt. Il-preżentazzjoni saret taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, George Abela. Preżenti wkoll kien hemm il-Presidenti Emeriti, Eddie Fenech Adami u Ugo Mifsud Bonnici u mistednin distinti oħra.

L-Ambaxxatur Marras qal li din iċ-ċerimonja qed issir fil-jum li fih kien inawgurat il-Monument ta' Dante li jinsab fil-Furjana, il-post li minnu ġejja il-familja ta' Oliver Friggieri. Luigi Marras faħħar il-ħidma tal-Professur Oliver Friggieri fil-qasam tal-letteratura u fir-riċerka letterarja b'rabta bejn Malta u l-Italja. Fid-diskors tiegħu, Oliver Friggieri qal li huwa jħoss sentiment ta' stima u ta' ringrazzjament lejn il-Gvern Taljan għal dan ir-rikonoxximent. Hu fisser ir-rabta letterarja u lingwistika li hemm bejn Malta u l-Italja u l-influwenza li l-lingwa u l-kultura Taljana kellha f'pajjiżna. Hu qal li Malta u l-Italja baqgħu jikkooperaw, partikularment wara li Malta wkoll saret membru tal-Unjoni Ewropea.

L-onorificenza ingħatat b'rikonoxximent lill-Prof. Oliver Friggieri għan-numru kbir ta' studji li ppubblika dwar il-kultura Taljana f'Malta f'ħafna kotba u rivisti internazzjonali fl-Italja u f'diversi pajjiżi oħra. Fost dawn insibu l-pubblikazzjonijiet tiegħu li jinkludu ż-żewġ volumi La Cultura Italiana a Malta (Firenze, 1978) u Storia della Letteratura Maltese (Milazzo, 1986). Oliver Friggieri twieled il-Furjana fl-1947 u hu l-awtur ta' numru kbir ta' kotba ippubblikati f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin. Ir-rumanzi, in-novelli u l-poeżiji tiegħu kienu maqlubin f'diversi lingwi.

Jiena kelli x-xorti nintervistah fit-tul għall-programm tiegħi fuq 3ZZZ l-aħħar darba li konna Malta.

## Dr JOE ABELA — *Ħajjietu f'Ħidmietu* (Kitba ta' Joe Axiaq)




Dan l-aħħar Joe Axiaq ippublika ktejjeb fuq Dr Joe Abela. Naħseb kulhadd jiftakar lil Dr Abela li għamel tant xogħol biex iżomm ħajja il-lingwa Maltija fl-Awstralja. Dr Abela twieled f'Ħaż-Żabbar fl-1931 u emigra lejn l-Awstralja fl-1952. Fil-ktieb ta' Joe Axiaq insibu l-ewwelnett profil qasir li jiġbor fih il-ħajja ta' Dr Abela, kif meta wasal intefa' b'ruħu u ġismu biex iwaqqaf is-Soċjeta tad-Dutrina Nisranija (aktar magħrufa bħala MUSEUM), u wara mbagħad studja għal saċerdot fl-universita` ta' Louvain (Belgium). Meta ġie lura sar lecturer fl-universita` ta' Monash. Aħna lil Dr Abela nafuh l-aktar bħala wieħed li daħħal l-istudju tal-Malti f'livell terzjarju (Phillip Institute), u li waqqaf il-Maltese Literature Group. Nafuh ukoll bħala pijunier tax-xandir tal-Malti fuq ir-radju, l-ewwel fuq 3ZZ u wara fuq ir-radju 3EA. Nafuh ukoll bħala kittieb ta' poeżiji u proża. Dawn u dettalji oħra insibuhom fil-ktieb ta' Joe Axiaq. F'dan il-ktieb insibu ukoll informazzjoni dwar il-ħajja tiegħu bħala tifel , ħajtu fl-ewwel snin f'Melbourne, l-attivita` tiegħu bħala saċerdot, kif ukoll id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom wara li ħalla s-saċerdozju, l-involviment tiegħu fit-tagħlim tal-Malti, it-twaqqif tal-Maltese Literature Group, kif ukoll l-involviment tiegħu fir-radju etniku. Dr Abela ħalliena wara marda twila li ġagħlitu jitlaq minn Melbourne għal Newcastle biex igawdi l-klima ta' dak il-post. Miet fil-15 ta' Marzu, 1991, ta' eta` żgħira ta' 60 sena. Hemm ħsieb li l-ktieb jiġi llanċjat aktar tard. Aktar dettalji f'ħarġa oħra. Il-preparazzjoni għall-Istampa ta' dan il-ktieb sar mill-Prof. Maurice Cauchi, President tal-Kunsill Malti tal-Victoria. Il-Prof. Cauchi kien ra l-artikli li Joe Axiaq ippubblika fil-Maltese Herald u xtaq li jara dawn ippubblikati fi ktieb. Meta kkuntattja lil Joe Axiaq u l-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ix-xewqa tiegħu saret realta`. Dawk li jixtiequ kopja ta' dan il-ktieb bil-prezz ta' $4 ($5 bil-posta), għandhom jirrikorru għand il-Maltese Literature Group, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052. ***Fir-ritratt, is-Segretarja tal-Grupp Letteratura Maltija, is-Sinjura Rosemary Attard, tidher qed tippreżenta l-ewwel kopja lill-awtur, is-Sur Joe Axiaq.***

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# IL-FESTIN TAL-MILIED SUĊĊESS KBIR

Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellhom il-Festin tal-Milied għall-membri tagħhom nhar il-Ħadd, 9 ta' Diċembru. Dan inżamm fuq il-proprjeta` tal-membri u ħbieb tagħhom, Frank u Draga Bonett, f'Bulla. Madwar 45 kienu preżenti u ħadu gost jiltaqgħu flimkien. Fostna, bħala mistieden speċjali, kellna lill-Konslu Ġenerali ta' Malta fil-Victoria, is-Sur Charles Mifsud.

It-tisjir tal-laħam u z-zalzett kontinentali kien f'idejn Joe Lofaro u Charles Attard filwaqt li l-membri nisa ħadu ħsieb li lestew is-*salads* u jqassmu l-ikel lil dawk li attendew.

Inbid abjad u aħmar u xorb minerali kien provdut il-ġurnata kollha.

Bħas-soltu kellna wkoll xi mużiċisti li tawna ħafna mużika Maltija li tat gost lil kulħadd. Kellna lil Joe Gauci u Fredu "Fra" Cachia fuq il-kitarri, Alfie Xuereb fuq is-*synthesiser* filwaqt li Joe Camilleri kien fuq il-*percussion*.

Il-membru Ġużi Camilleri ħa ħsieb iġib is-sett tal-boċċi miegħu u kienu ħafna li ħadu sehem f'dan il-logħob.

Wara li kulħadd kiel u xorob u waqaf id-daqq, il-membri inġabru flimkien u qagħdu bilqiegħda u beda l-qari ta' poeżiji. Aktar tard Frank u Draga Bonett ġew ippreżentati b'rigal żgħir bħala apprezzament li laqgħuna fuq il-proprjeta` tagħhom.

Ħadna ħafna gost naraw fostna ħafna tfal li ġew man-nanniet tagħhom; għamlu ors kbir minn din il-ġurnata, jilagħbu maż-żwiemel u mat-tlitt iklieb, *Diesel, Amber* u *Molly*. It-tfal dejjem iġibu ferħ kull fejn ikunu.

Grazzi lill-membri Salvina u Paul Vella li ħadu ħsieb ix-xiri ta' kollox għal dan il-festin u lil dawk kollha li għenu b'mod jew ieħor biex dan il-festin ikun tas-suċċess li kien. Bħal kull sena, dan il-festin kien provdut bla ebda ħlas għall-membri kollha.

Il-Kumitat u l-membri jirringrazzjaw lil Frank u Draga Bonett li ta' kull sena jilqgħuna għandhom.



















Amber









